25 ta' Novembru 2015

129/2015

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' SAN GEJTANU, IL-ĦAMRUN**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Walter Cauchi bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu, il-Ħamrun.

Dun Walter Cauchi twieled f'Birkirkara fit-3 ta' Frar 1951. Huwa ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Ġunju 1977.

L-ewwel ħidma pastorali ta' Dun Walter kienet bħala viċi-kappillan f'Ħal Għargħur. Fl-1978 huwa sar viċi-kappillan f'Bormla. F'Diċembru 1981, Dun Walter Cauchi inħatar kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira. F'Jannar 1990 ġie nominat kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien. F'Novembru tal-1995 inħatar kappillan tal-Parroċċa ta' San Bastjan, Ħal Qormi, u minn Awwissu tal-2008 serva bħala kappillan tal-Parroċċa f'Wied il-Għajn.

Il-parroċċa ta' San Gejtanu tiġbor fiha madwar 6,000 persuna f'2,100 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org